A.L. 377 ta' l-2003

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-2003 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2003 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-5 ta' Novembru, 2003.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din ġejja, jiġifieri:

(1) Dar bin-numru 156, Triq Manoel De Vilhena, Gżira (Tenement No. 63350 - 6HA 12/2002).

(2) *Maisonette* numru 73, Triq Tal-Borġ, Paola (Tenement No. 61707 - RTB 71/2002).

(3) *Flat* numru 7, Blokk 3, Vjal De La Cruz, Qasam ta' Bini tal-Gvern, Qormi (Tenement No. 64186 - RTB 17/2002).

(4) *Flat* numru 3, Bieb A, Blokk 4, Vjal in-Naspli, Qasam ta' Bini tal-Gvern, San Ġwann (Tenement No. 65107 - HA 109/99).

(5) *Flat* numru 4, Bieb B, Blokk 4, Vjal in-Naspli, Qasam ta' Bini tal-Gvern, San Ġwann (Tenement No. 65116 - HA 121/99).

(6) *Flat* numru 5, Bieb A, Blokk 12, Triq il-Peprin, Qasam ta' Bini tal-Gvern, San Ġwann (Tenement No. 69942 - RTB 372/2002).

(7) Dar bin-numru 12 (qabel 107), Triq il-Lellux, Santa Luċija (Tenement No. 68440 - 6HA 42/2002).

(8) *Flat* numru 1, Blokk A, Triq Xandru D'Amato, Qasam ta' Bini tal-Gvern, Żurrieq (Tenement No. 70353 – RTB 9/2002).

(9) *Flat* numru 2, Blokk 3, Triq il-Pitirross, Qasam ta' Bini tal-Gvern, Fgura (Tenement No. 73529 – 6HA 1/2001).